FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)
ILLUM 07 TA' DICEMBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Arthur Mercieca

vs

David Lineker Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 196887M akkuzat talli

1. nhar l-14 t'April 2006, gewwa Birkirkara ghal habta ta' 14.30hrs ikkometta serq ta' stereo u diversi oggetti minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni FIO 303 ghad-dannu ta' Vincent Coleiro u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom (Art 334 tal-Kap 9)
3. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, u 271 tal-Kapitlu 9, l-Artikoli 334 tal-Kapitlu 9 u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446, tordna illi l-imputat jissottometti lilu nnifsu ghat-testijiet tal-awrina perjodikament, mill-Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' 3 snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat